MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Numru. 563/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**KONTRA**

**DAVID PAUL FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

David Paul Farrugia ta’ 31 sena, bin Alfred u Redenta nee’ Coleiro, mwieled Camperdown, New South Wales, Australia nhar is- 27 ta’ Settembru 1977, residenti fil- fond L- Imnara, Triq Wied il- Knejjes, Luqa u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 191591(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1) Nhar l- 24 ta’ April 2009 u fix- xhur ta’ qabel, waqt li kien xoghol gewwa l- fond IELS Institute School of English, Triq Mattew Pulis, Sliema, uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f’xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg li jinzammu f’dak il-computer jew f’xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg bhal dawk, ghad- detriment ta’ IELS Institute School of English;

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel output ta’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg mill- computer li jkunu qieghdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi xbieha jew b’kull mod iehor li jkun, ghad- detriment ta’ IELS Institute School of English;

3) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg ghal kull medjum ta’ hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal mkien differenti fil- medjum ta’ hzin fejn soltu jinzamm, ghad- detriment ta’ IELS Institute School of English;

4) U aktar talli , liema reati saru f’xi post minn impjegat li pregudizzju tal- principal tieghu jew bi pergudizzju ta’ terzi, u li sar ghad- detriment ta’ IELS Institute School of English;

5) U finalment talli, fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala l- persuna li lilu giet fdata jew ikkunsinnata minhabba l- professjoni, industrija, kummer, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-

obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ghad- detriment ta' IELS Institute School of English, u da ai termini tal- Artikoli 293 u 294 tal- Kodici Kriminali ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, in vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti giet hekk konvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu tal-kaz in ezami jittratta kwistjoni ta' impieg li mar hazin. L-imputat ried ibiddel l-impieg tieghu jew itejjbu, u allura pprova jiehu informazzjoni li kellha l-kumpannija ma' min kien jahdem, sabiex ighaddiha lill-kumpannija kompetitrici u b'hekk jidher efficjenti ma' din il-kumpannija gdida. Hu u jiehu din l-informazzjoni mis-sistema ta' "computers" ta' fejn kien jahdem, inqabad fil-fatt, u ammetta kollox mal-ewwel. Anzi, wera li ma kienx qed jifhem l-implikazzjonijiet penali tal-azzjoni tieghu. Il-Qorti giet informata ukoll li din l-informazzjoni li l-imputat ipprova jiehu kienet facilment accessibbli ghalih, jigifieri ma kienx hemm xi ksur jew dhul f' sistema kodifikata fil-"computer" fejn kien jahdem. Illum l-imputat m'ghadux impjegat mal-kumpannija msemmija, u l-anqas m'hu ser jahdem ma' kumpannija kompetitrici, kif kellu l-hsieb

jaghmel. In vista tal-ammissjoni bikrija, u in vista tal-fatti tal-kaz, il-Qorti tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 293 u 294, 337C(1)(a), (b) u (c), u 337F(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum,. ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------